MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Kriminali Numru. 317/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mario Atanasio**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn ix-xhur ta' Mejju 2009 u Marzu 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Joanne Atanasio u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Lulju, 2010, li biha, l-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu tlett (3) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-5 t’Awwissu 2008, fin-nuqqas li tilqa` l-ewwel talba tissospendi l-effetti kollha tad-digriet precitat sakemm l-appellant ikun f’posizzjoni li jkollu introjtu u dan ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi *inter alia* sabiex l-appellant ma jigiz assoggettat ghall-proceduri penali fir-rigward ta’ liema huwa ma jkunx jista` jressaq is-suespost bhala difiza. U dan isir taht dawk il-provvedimenti opportuni li okkorrendo din il-Qorti jidhrilha xieraq timponi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-appellant jirrileva illi huwa ma seta` qatt jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu stante li l-perjodu bejn Mejju 2009 u Settembru 2009 huwa preskritt ai termini tal-artikolu 338(z) (proviso) tal-Kap. 9 u kwindi ma setghetx tinstab htija fuq l-akkuza kif dedotta li kienet tikkontjeni fiha xhur illi kienu preskritti.

Illi l-piena nflitta hija wkoll zbaljata inkwantu fil-kaz in dizamina l-piena talvolta li tista` tigi nflitta hija dik kontemplata fl-artikolu 7(2) tal-Kap 9 li ma jinkludix il-prigunerija.

Illi meta wiehed jikkonsidra li f’kaz ta’ recidiva l-piena tkun ta’ detenzjoni ta’ mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta’ mhux izjed minn mitejn Euro jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahrejn u fil-kaz in dizamina ma kienx

hawn recidiva, jidher bic-car li l-piena moghtija hija fi kwalunkwe kaz wahda eccessiva.

Illi hawn si tratta ta’ digriet ta’ manteniment risalenti ghat-3 t’Ottubru, 2007 li gie kkonfermat b’digriet tal-Qorti tal-Familja tal-5 t’Awwissu 2008 fl-atti tal-medjazzjoni (ittra Nru 1242/07) liema digriet ordna li l-manteniment ikun pagabbli direttament mill-paga tal-esponent.

Illi l-appellant kien impjegat mad-Drydocks izda l-impieg tieghu gie tterminat, bla ebda htija minn naha tieghu minn April 2009.

Illi dan it-tkeccija mill-impjieg igib mieghu zewg konsegwenzi abbazi ta’ liema wkoll ma kellhiex tinstab htija. L-ewwel konsegwenza huwa l-fatt illi peress illi huwa mhux qed jahdem huwa jinsab fl-impossibilita` fattwali u legali li jhallas manteniment u galadarba huwa jinsab f’din l-impossibilita` ma jistax jinstab hati. Apparti minn hekk l-appellant intavola rikors bl-urgenza quddiem il-Qorti tal-Familja b’talba illi d-digriet abbazi ta’ liema l-parte civile qeghda tibbaza l-azzjoni kollha taghha jigi revokat u kwindi l-appellant isostni illi galadarba d-digriet in kwistjoni jinsab taht “review” ossia hemm talba sabiex jigi revokat in kwantu l-appellant mhux qed jahdem, allura ma tistax tinstab htija ghax fil-kaz illi d-digriet jigi effettivament revokat allura l-appellant ikun instab hati u gie kkundannat ta’ offiza meta fil-verita` ma jkunx ghad hemm l-elementi kostituttivi taghha prezenti ghax id-digriet (li huwa l-aktar parti essenzjali biex tirnexxi l-akkuza li gie akkuzat biha l-appellant) ikun gie revokat. Ghal kull buon fini qed jigi anness mal-prezenti kopja tar-rikors revoka intavolat mill-appellant fil-Qorti tal-Familja.

It-tieni konsegwenza hija l-fatt illi d-digriet jghid illi l-manteniment ghandi jithallas direttament mill-paga tal-appellant allura l-appellant ma jistax jinstab hati li naqas milli jhallas manteniment ghaliex l-obbligu tal-hlas huwa bid-digriet stess impost fuq l-employer tal-appellant u l-unika raguni ghala dak il-manteniment m’ghandux jithallas huwa fil-fatt ghax l-impjieg tal-appellant abbazi ta’ liema

kien inhareg id-digriet spicca. U kwindi anke minn dan il-lat ma jistax ikun hemm sejbien ta' htija.

Illi fil-hames lok l-appellant jikkontendi illi billi d-digriet in kwistjoni ma giex segwit b'kawza entro t-terminu prefiss mill-ligi, allura dak id-digriet m'ghandux aktar vigenti u kwindi mhux aktar utilizzabbli ghall-finijiet ta' l-akkuza de quo.

Illi finalment jinghad illi r-rapport tal-parte civile f'dan il-kaz mhux hlief mezz ta' estrosjoni fu ql-appellant peress li ma waslux ghal separazzjoni bonarja.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-parti civili Joanne Atanasio ghandha favur taghha digriet mill-Qorti tal-Familja ghall-manteniment, liema digriet tat-3 ta' Ottubru, 2007 gie kkonfermat b'digriet iehor tal-istess Qorti tal-Familja tal-5 ta' Awissu 2008.

L-appellant ecepixxa li ma kienx f'posizzjoni li jhallas il-ghaliex ma kienx qed jahdem u ma kellux introjtu, apparti l-fatt illi din ma ijhix skuza sabiex persuna tkun ezenti mill-obbligazzjoni imposta fuqha mill-Qorti kompetenti, l-Qorti mhihix se tidhol f'din il-kwistjoni peress illi fil-mori ta' din il-kawza jidher illi l-appellant aderixxa mal-ordnijiet tal-Qorti u hallas lil parti civili dak illi kien dovut lilha. Fil-fatt fil-verbal tal-15 ta' Marzu, 2002 l-Avukat tal-parti civili Dr. Raphael Fenech Adami informa lil Qorti illi l-klijenta tieghu giet pjenament sodisfatta bil-hlas illi ghamel l-appellant u ma kienx hemm aktar pendenzi ghal dak li jirrigwarda din il-kawza.

Verbal bhal dan ma jaghmilx differenza ghal dak illi huwa htija.

Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti hija sodisfatta illi l-appellant fi zmien indikat fic-citazzjoni ma avversax lil parti civili l-ammonti li kienu dovuti lilha, u bir-raguni l-Ewwel Qorti sabet htija li din il-Qorti sejra tikkonferma, pero` lanqas ma tista` tinjora l-hlas fil-mori illi jaghti lok ghal temperament.

Fil-kawza “Il-Pulizija vs Publius Said” deciza fil-25 ta’ Settembru 2003 il-Qorti qalet :
*“l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983 (bl-amenda tal-1986), kien illi ssir pressjoni fuq id-debituri ricalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss timpedixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament jew il-ksur ta’ stipulazjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi”.*

F’dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta’ temperament fil-piena.

Il-Qorti tinota illi l-imputat ma giex moghti piena harxa, fil-fatt l-Ewwel Qorti kienet illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti hemm bzonn illi tkun konfermata, izda din il-Qorti lesta tirriforma t-tieni parti fejn kienet ordnat il-hlas ta’ mija tnejn u sittin Ewro u disgha w sebghin centezmu (€162.79) peress illi rrizulta illi l-appellant diga` hallas dan l-ammont dovut lil parti civili.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta` w tiddiciedi billi tilqa` l-appell in parti, tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-5 ta’ Lulju 2010 fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet il-htija izda tirriformaha fejn ikkundannat lill-imputat ghal tlett xhur prigunerija w minflok tilliberah taht il-kondizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------